



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 18 ta' Mejju 2010 (20.05)
(OR. en)**

9475/10

**COMPET 150
SOC 321
JUSTCIV 91
MI 136**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Kunsill Kompetittività tal-25-26 ta' Mejju 2010 Direttiva dwar is-Servizzi - Is-Sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża nota mill-Kummissjoni.

LAQGĦA TAL-KUNSILL TAL-KOMPETITTIVITÀ**25 U 26 TA' MEJJU 2010****L-ISTAT TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA DWAR IS-SERVIZZI***Nota ta' informazzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni*

L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi hija eżerċizzju vast li jitlob sforz akbar minn qatt qabel. Jikkonċerna firxa wiesgħa ta' attivitajiet ekonomiċi (madwar 40% tal-PDG tal-UE), jirrikjedi bidliet leġislattivi fl-Istati Membri kollha u t-twettiq ta' għadd ta' proġetti ambizzjużi, bħal per eżempju t-twaqqif tal-"Punti ta' Kuntatt Waħdieni". Il-perjodu ta' implimentazzjoni fuq tliet snin intemm fit-28 ta' Diċembru 2009.

Fil-bidu ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill tal-Kompetittività l-ewwel valutazzjoni kumplessiva tagħha dwar l-istat tal-implimentazzjoni wara li għalqet id-data sa meta kellha ssir it-traspożizzjoni. Sommarju ta' din il-valutazzjoni ngħata f'nota ta' informazzjoni¹, li l-għan tagħha kien li tagħti ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar fl-oqsma ewlenin tal-implimentazzjoni.

L-għan ta' din in-nota hu li jingħata aġġornament fil-qosor tas-sitwazzjoni kif inhi f'Mejju 2010 u li jiġi enfasizzat il-bżonn ta' azzjoni urġenti fejn tinħass il-ħtieġa. Kif ġara fil-każ tal-valutazzjoni li saret qabel, l-informazzjoni mogħtija tfittex li tkun ta' natura fattwali u ma għandhiex titqies eżawrjenti. Valutazzjoni fil-fond tal-aspetti kollha tal-implimentazzjoni u tal-kwalità tagħhom fis-27 Stat Membru għadha għaddejja u mistennija tissokta fix-xhur li ġejjin. Fejn hu neċessarju, il-Kummissjoni se tiegħu azzjoni xierqa biex tiżgura li l-proċess tal-implimentazzjoni tad-Direttiva jitlesta u jkun ta' kwalità tajba.

¹ Ara n-Nota ta' informazzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni: "Direttiva dwar is-Servizzi - Sitwazzjoni attwali tat-trasposizzjoni" (Dokument Nru 6817/10 li ħareġ il-Kunsill fis-26 ta' Frar 2010).

1. L-adozzjoni tal-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għażlu li jadottaw liġi orizzontali waħda li timplimenta l-prinċipji u l-obbligi ġenerali stabbiliti fid-Direttiva. Approċċ alternattiv u bl-istess mod validu hu li dawn il-prinċipji u obbligi ġenerali jiġu implimentati abbażi ta' bosta atti. Barra minn hekk, l-Istati Membri kollha kellhom jimmodifikaw/jabolixxu liġijiet u regolamenti eżistenti biex jiżguraw li jkunu konformi mad-Direttiva.

"Leġislazzjoni orizzontali"

- Sa issa, 20 Stat Membru adottaw il-leġislazzjoni orizzontali tagħhom. Sa mill-aħħar ta' Frar 2010, 7 Stati Membri adottaw il-liġijiet orizzontali tagħhom – il-Belġju, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja. Qabel Frar li għadda, il-liġijiet orizzontali kienu diġà ġew adottati mit-13-il pajjiż li ġejjin: il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Litwanja, Malta, l-Olanda, ir-Rumanija, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit.
- Il-leġislazzjoni orizzontali għadha qiegħda tiġi diskussa fil-Parlament fi tliet Stati Membri: l-Awstrija, Ċipru, il-Lussemburgu.
- F'2 Stati Membri – l-Irlanda u l-Portugall – l-abbozzar tal-leġislazzjoni orizzontali għadu ma jidhirx li ntemm.
- Miż-żewġ Stati Membri li għażlu li jinkludu l-prinċipji ġenerali tad-Direttiva fil-bosta atti (Franza u l-Ġermanja), ix-xogħol jidher li ntemm fil-Ġermanja u għadu għaddej fi Franza.

"Leġislazzjoni speċifika"

L-adattament tal-liġijiet eżistenti jiżgura li l-konformità tagħhom mad-Direttiva hija l-iktar parti kumplessa fil-proċess tal-implimentazzjoni.

Hemm issa 12-il Stat Membru li informaw lill-Kummissjoni li lestew il-bidliet fis-settur tal-leġislazzjoni speċifika. Mill-aħħar ta' Frar, 4 Stati Membri oħra informaw lill-Kummissjoni b'dan: il-Finlandja, il-Polonja, Spanja u s-Slovakkja. It-8 Stati Membri li ġejjin kienu informawha qabel li kienu temmew din il-parti tal-proċess ta' implimentazzjoni: il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, l-Ungerija, Malta, l-Olanda u l-Iżvezja.

Fir-rigward tal-bqija tal-pajjiżi, il-Ġermanja u l-Italja kważi temmew l-adozzjoni tal-bidliet fis-settur tal-leġislazzjoni speċifika (xi leġislazzjoni fil-livell reġjonali jidher li għadha pendenti fiż-żewġ pajjiżi). Franza għad għandha xi proposti pendenti quddiem il-Parlament u r-Renju Unit ukoll għandu xi leġislazzjoni pendenti.

Ir-Rumanija għamlet progress sinifikanti f'dawn l-aħħar xhur billi adottat bosta bidliet leġislattivi u billi ressqet għadd ta' proposti oħrajn quddiem il-Parlament. Fil-Litwanja, il-biċċa l-kbira tal-bidliet proposti fis-settur tal-leġislazzjoni speċifika jinsabu quddiem il-Parlament. Fil-Latvja, diġà ġew adottati għadd ta' bidliet imma l-proċess biex tiġi adattata l-leġislazzjoni speċifika għas-settur għadha għaddejja u qegħdin jitħejjew għadd ta' bidliet. Il-Belġju diġà adotta għadd ta' bidliet fil-livell federali u reġjonali madankollu għadu qed jitħejja għadd sinifikanti ta' bidliet.

Fit-8 Stati Membri li fadal - l-Awstrija, Ċipru, il-Greċja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Portugall u s-Slovenja - l-abbozzar tal-bidliet mitluba fis-settur tal-leġislazzjoni speċifika jidher li akkumula dewmien sinifikanti.

2. It-twaqqif tal-"Punti ta' Kuntatt Waħdieni" (PSCs)

Hemm il-ħsieb li l-"Punti tal-Kuntatt Waħdieni" (PSCs) isiru wieħed mill-iktar benefiċċju viżibbli tad-Direttiva dwar is-Servizzi. Il-fornituri tas-servizzi għandhom jitħallew jiksibu l-informazzjoni rilevanti kollha u jlestu l-proċeduri mitluba permezz ta' punt wieħed ta' aċċess, mingħajr ma jkollhom għalfejn jikkuntattjaw firxa sħiħa ta' korpi amministrattivi jew organizzazzjonijiet professjonali. Barra minn hekk, skont id-Direttiva, għandu jkun possibbli li jitlestew dawn il-proċeduri permezz ta' mezzi elettroniċi, inkluż min-naħa għall-oħra tal-fruntieri.

Bażi solida tal-PSCs – kif inhi msejħa "l-ewwel ġenerazzjoni" tal-PSCs – issa tidher li hija adottata fi 22 Stat Membru¹. Dawn il-portali li jinsabu fuq l-internet joffru informazzjoni estensiva lin-negozji dwar il-proċeduri u r-rekwiżiti li għandhom ikunu konformi magħhom. Minn fost dawn it-22 soluzzjoni nazzjonali tal-PSC, 14 minnhom jidhru li jagħtu lok għal tlestija attwali fuq l-internet tal-proċeduri, għal gradi varji¹ (filwaqt li l-bqija tat-8 PSCs jidhru li huma limitati għall-forniment tal-informazzjoni).

Meta wieħed iqabbel din is-sitwazzjoni ma' kif kienet iktar kmieni din is-sena, il-Polonja tidher li għamlet l-iktar progress. Għandha sit elettroniku tal-PSC disponibbli li joffri informazzjoni estensiva (sa issa, it-tlestija tal-proċeduri ma tidhirx li hi possibbli).

Is-sitwazzjoni tidher li nbidlet b'mod sinifikanti fil-bqija tal-ħames Stati Membri – il-Greċja, l-Italja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja – fejn jidher li ma hemm l-ebda soluzzjoni sa issa.

3. Kooperazzjoni amministrattiva u użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

Il-Kummissjoni żviluppat, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, applikazzjoni speċifika tas-"Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern" (IMI) li tiżgura li l-Istati Membri huma konformi mal-obbligi tal-kooperazzjoni amministrattiva kif previst fid-Direttiva dwar is-Servizzi. It-twaqqif ta' sistema operazzjonali ta' kooperazzjoni diretta bejn l-awtoritajiet wassal lill-Istati Membri biex jisfruttaw l-isforzi konsiderevoli biex għadd ta' awtoritajiet kompetenti jiġu rreġistrati u jitħarrġu.

Fi tmiem April 2010, iktar minn 4600 awtorità kienu rreġistrati fis-sistema tal-IMI biex jittrattaw il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-Direttiva dwar is-Servizzi. Dan ifisser li żdiedu iktar minn 400 awtorità oħra fis-sistema meta mqabbel mal-valutazzjoni li saret qabel (fejn l-għadd ta' awtoritajiet irreġistrati diġà kien jammonta għal 4200). Dan ir-riżultat kien diġà impressjonanti. F'termini ta' reġistrazzjonijiet tal-awtoritajiet, jidher li hemm netwerk solidu għall-fini amministrattivi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.

¹ AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, ES, FI, FR, HU, IE, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, SE, UK.

Is-sitwazzjoni hija iktar diffiċli biex wieħed jivvaluta fir-rigward tal-użu attiv tas-sistema. Fl-ewwel erba' xhur tal-2010, sar madwar 50 skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri, li kienu jinvolvu madwar nofs l-Istati Membri. Din iċ-ċifra tista' tidher relattivament baxxa meta mqabbla mal-għadd kbir ta' awtoritajiet li huma rreġistrati fis-sistema, imma jidher ċar li l-awtoritajiet għandhom bżonn jidraw l-obbligi l-ġodda tagħhom tal-kooperazzjoni u għandhom bżonn jagħmlu l-isforzi tagħhom biex jitħarrġu, f'bosta każijiet, dawn l-isforzi għandhom jissaħħu fl-Istati Membri.

X'GĦAD HEMM BŻONN LI JSIR? IL-PRIJORITAJIET GĦALL-AZZJONI

Minkejja l-progress li sar f'dawn l-aħħar xhur f'bosta żoni u Stati Membri, kif stabbilit hawn fuq, il-prijoritajiet prinċipali li kienu ġew identifikati fil-valutazzjoni li kienet saret qabel jibqgħu fil-biċċa l-kbira validi.

- Fil-każ *tal-Irlanda u l-Portugall*, huwa essenzjali li wieħed jiffinalizza l-abbozzar tal-liġijiet orizzontali ta' implimentazzjoni. Huwa bl-istess mod urġenti li jiġi ffinalizzat l-abbozzar tal-bidliet kollha mitluba fil-leġiżlazzjoni eżistenti fil-każ *tal-Awstrija, Ċipru, il-Greċja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Portugall u s-Slovenja*.

- Fiż-żona tal-Punti tal-Kuntatt Waħdieni, l-azzjoni urġenti hija mitluba f'dawk il-pajjiżi fejn il-PSCs għadhom neqsin jew inkella l-funzjonijiet tagħhom għadhom mhumiex suffiċjenti fil-funzjonijiet tagħhom (*il-Greċja, l-Italja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja*). Bl-istess mod, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jeħtieġu jagħmlu iktar sforz biex jagħtu lok għat-tlestija tal-proċeduri u l-formalitajiet kollha permezz tal-PSCs.

Barra minn hekk, hu importanti li jitwettqu u, f'ħafna każijiet, jissaħħu l-isforzi biex jirreġistraw u jħarrġu lill-awtoritajiet kompetenti għall-użu tal-applikazzjoni tal-IMI għas-servizzi. Biex jiżguraw l-użu attiv tas-sistema tal-IMI hu kruċjali li l-awtoritajiet kompetenti jkunu konxji tal-obbligi tal-kooperazzjoni tagħhom.